*KERA TA' VETTURA*

*ASSUNZJONI TA' DEBITU/OBBLIGU*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru. 17**
**Citaz. Numru. 776/98/RCP.**

**Ray's Car Hire Limited**

**vs**

**Igor Moskalenko**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-konvenut kien kera vettura minghand is-socjeta attrici.

Illi l-istess vettura kienet giet iddaneggata waqt li kienet fil-pussess tal-istess konvenut f'cirkostanzi tali illi l-polza ta' assigurazjoni illi allura kienet tkopri l-imsemmija vettura ma kienetx taghmel tajjeb ghad-danni hekk kawzati.

Illi l-konvenut kien accetta w assuma r-responsabbilta' u l-obligu tal-hlas lis-socjeta` attrici tad-danni hekk kawzati, ammontanti tali danni ghas-somma ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira u tmienja u disghin centezmu (LM353.98).

Illi wkoll l-istess konvenut ghadu debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf erbgha mija sitta u hamsin lira (LM1456), rappresentanti l-bilanc tal-kera pagabbli mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in vista appuntu tal-kiri tal-imsemmija vettura.

Illi ghalhekk il-konvenut jinsab d-debitur tas-socjeta attrici Ray's Car Hire Limited fis-somma ta' elf u tmien mija u erbghatax il-lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (LM1814.98).

Illi nonostante interpellat diversi drabi, sabiex jhallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u tmien mija u erbghatax il-lira Maltin u seba' u disghin centezmu (LM1,814.98) dovuti minnu kif fuq inghid.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta' Novembru 1998; tas-17 ta' Marzu 1999; tas-27 ta' Mejju 1999; tal-15 ta' Lulju 1999; tas-7 ta' Dicembru 1999; tas-17 ta' Frar 2000 u tas-6 ta' April 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhux debitur fl-ammont li qed jintalab fic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 20 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Gunju 2000 u tal-25 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici illi biha esebiet l-affidavit ta' Raymond Aquilina.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2000 fejn peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-konvenut li ma deherx kif lanqas deher id-difensur tieghu, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Marzu 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut sabiex ikun hemm sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex jinghata l-opportunita` li jipprezenta x-xhieda tieghu.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2001 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza ghall-provi kollha tal-konvenut ghall-15 ta' Marzu 2001 bil-fakolta` li jigu presentati x-xhieda bl-affidavits sas-7 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2001 fejn id-difensur tal-konvenut imsejjah tlett darbiet baqa' ma deherx. Dr F Depasquale talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Gunju 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut sabiex jinghata l-fakolta` li jipprezenta l-affidavit tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza ghall-provi kollha li fadal tal-konvenut ghat-12 ta' Gunju 2001 bil-kundizzjoni li x-xhieda kollha provduti bl-affidavits ghandhom jidhru fl-istess seduta sabiex jekk ikun hemm bzonn isir il-kontro-ezami taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2001 fejn Dr F Depasquale talab l-isfilz tal-affidavit tal-konvenut stante li dan ma deherx sabiex isir il-kontro-ezami tieghu minkejja d-digriet tal-11 ta' Mejju 2001. Dr Joseph Brincat imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti rat id-digriet imsemmi, rat li l-konvenut m'ottemporax ruhu mieghu u ghalhekk ordnat l-isfilz tal-istess affidavit tal-konvenut mill-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta` attrici kriet vettura lill-konvenut. Illi s-socjeta` attrici qed issostni illi l-istess vettura kienet giet iddanneggata waqt li kienet fil-pussess tal-istess konvenut f'cirkostanzi tali illi l-polza ta' assigurazzjoni illi allura kienet tkopri l-imsemmija vettura ma kienitx taghmel tajjeb ghad-danni hekk kawzati. Illi allegatament il-konvenut accetta w assuma r-responsabilita` u l-obbligu tal-hlas ghal tali danni fl-ammont fuq imsemmi. L-istess konvenut, inoltre` huwa debitur lejn is-socjeta` attrici bhala bilanc ta' kera tal-vettura.

Illi min-naha tieghu il-konvenut qed isostni li mhux debitur fl-ammont li qed jintalab. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu huwa qal li mhux minnu illi kien responsabbli ghal xi hsarat fil-karozza kif gie allegat ghaliex hu suppost li kien inxurjat b'kollox. Rigwardanti l-kiri tal-karozza huwa jsostni li t-talbiet huma fittizzji w esagerati.

Illi fix-xhieda tieghu **Raymond Avallone** direttur tas-socjeta` Ray's Car Hire Limited qal li kien involut direttament mal-fatti li graw. Huwa spjega li l-konvenut mar l-ufficcju taghhom sabiex jikri karozza ghall-perjodu twil. Huwa kera Opel Corsa permezz tal-ftehim iffirmat quddiem Nutar (Dok RCH1 a fol 31

tal-process). Sussegwentement mar biex jikri karozza ohra – wahda li kienet akbar u li kellha *air-conditioning*. Dak in-nhar ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu karozza ta' dak it-tip u peress li kellu bzonn karozza immedjatament ftehmu illi ghall-perjodu ta' xahar huwa se jiehu karozza ohra u din kellha tigi rimpjazzata b'Isuzu Gemini. Dan il-ftehim sar bil-miktub quddiem in-Nutar Peter Carbonaro fis-26 ta' Ottubru 1994 (Dok RCH2 a fol 33 tal-process). Effettivament dan kollu gara. Il-konvenut kien ihallas kwazi dejjem regolarment; pero` wara nqalghu kwistjonijiet kemm fuq l-Opel Corsa li kienet giet lilu originarjament mikrija, kif ukoll fuq l-Isuzu Gemini.

Illi dwar l-Opel Corsa li nkriet originalment kellha *insurance comprehensive* b'excess ta' Lm50, liema *insurance cover* kienet tkopri persuna 'l fuq mill-eta ta' 21 sena. Huwa qal li ftit qabel li kellhom jiskadu t-tlett snin tal-kuntratt il-konvenut dahhal il-karozza ghat-tiswijiet ghax kellu daqqa fuq wahda mill-bibien. Illi skond il-polza tal-assikurazzjoni kellu jigi prodott *police report* sabiex jithallas tal-hsarat, pero` Moskalenko qal li ma kellux bzonn peress li kien se jhallas direttament huwa. Sadanittant ha Opel Corsa ohra u qabel ma hadha staqsa jekk il-karozza setghetx tinsaq minn persuna li kellha anqas minn 21 sena. Ix-xhud qallu, wara li gab konferma mill-assikurazzjoni tieghu, li dan ma setax ikun.

Meta giet ritornata din l-Opel haditha tfajla russa li kellha anqas minn 21 sena u kellha hsarat konsiderevoli. Din it-tfajla kienet ammettiet li hi kienet qed issuq u kienet involuta f'incident tat-traffiku. Meta cempel lill-konvenut, dan qallu li kien lest jaghmel tajjeb hu ghall-hsarat. Aktar tard dan Moskalenko kkonfermalu ghal darb'ohra fil-garaxx tieghu u dan fil-presenza ta' zewg xhieda. Kien infurmat li l-assikurazzjoni ma kienitx ser taghmel tajjeb ghall-hsarat stante li l-karozza ma kienitx koperta minn polza peress li l-persuna li kienet qed issuq kienet taht l-eta`. Wara l-karozza giet irrangata. Illi pero` dawn iz-zewg kontijiet baqghu ma thallsux mill-konvenut u dan minkejja li ntbaghtlu l-kont.

Rigward l-Isuzu Gemini, kif diga spjegat, l-ewwel xahar il-konvenut ha Opel Corsa u kellu jhallas kera ta' Lm4 kuljum, pero` meta nghata l-Isuzu Gemini kellu jibda jhallas il-kera ta' Lm5 kuljum. Pero` meta ha l-Isuzu Gemini bi zvista min-naha tas-socjeta` attrici huwa baqa' jintalab Lm4 minfolk Lm5 kuljum. Dan baqa' ghall-xhur shah. Ghall-habta tal-bidu ta' Mejju 1997 il-konvenut mar il-*garage* bl-Isuzu u qal li l-*air-conditioner* tal-karozza ma kienx qed jahdem. B'hekk ix-xhud qallu li din il-karozza kellha tittiehed ghand specjalista u meta offrielu karozza biex tirrimpjazza l-Isuzu l-konvenut qallu li ma kienx hemm bzonn ghax kien hemm xi hadd qed jistennieh. Minn dak iz-zmien, is-7 ta' Mejju 1997, il-konvenut qatt ma

rega ha l-karozza minkejja li l-kuntratt kien jistipula li kellu l-uzu tal-karozza sa' Ottubru ta' dik is-sena.

Kif inqala' dan id-dizgwid Raymond Avallone hares lejn il-kuntratt tal-Isuzu u rrealizza li kienu qed jitolbu inqas flus milli dak dovut. Kwindi ghamel il-kontijiet, hareg *invoice* spjegattiva u baghtha lill-konvenut (Dok RCH4 a fol 35 tal-process). Is-somma giet kalkolata sas-7 ta' Mejju 1997 cioe` d-data meta l-konvenut irritorna l-karozza. Id-differenza bejn dak li kellu jhallas u dak li attwalment hallas kien jammonta ghall-Lm1,334.50. Illi baghtulu *statements of account* ta' x'inhu dovut minnu. Kien hemm skambju ta' korrispondenza li pero` ma waslet ghall-ebda soluzzjoni.

Illi tali xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata bi provi ohra hlief id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenut. Kif inghad precedentement l-affidavit u l-provi dokumentali esebiti mill-konvenut gew sfilzati permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Gunju 2001.

Illi din il-Qorti rat ukoll il-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet kemm ghall-Opel Corsa, kif ukoll ghall-Isuzu Gemini. Illi ghar-rigward tal-ftehim ghall-Isuzu Gemini jirrizulta minn Dok RCH 2 (fol 33 tal-process) illi ghall-ewwel xahar il-kera kienet ta' erba' liri (Lm4) kuljum, imbaghad il-kera kellha tkun ta' hames liri (Lm5)

kuljum. Tali ftehim gie ffirmat mill-partijiet fil-kawza. Kwindi l-ammont li qed titlob is-socjeta` attrici huwa dovut mill-konvenut. Pero` ghalkemm fic-citazzjoni attrici qed jintalab l-ammont ta' Lm1456 rapprezentanti l-bilanc tal-kera pagabbli mill-istess konvenut skond Dok RCH4 (a fol 35 tal-process) kif korrobotat mill-affidavit ta' Raymond Avallone l-ammont effettivament dovut hu ta' Lm1334.50.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-hsarat ikkawzati fuq il-vettura mikrija rrizulta li l-konvenut verament u effettivament assuma l-obbligu li jaghmel tajjeb ghal tali danni. Kwindi l-ammont totali dovut mill-konvenut huwa ta' Lm353.98 d-danni hekk kawzati li gew assunti minnu rapprezentanti l-bilanc tal-kiri tal-vettura msemmija li globalment jammontaw ghas-somma ta' Lm1688.48.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** bil-mod kif gej:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf, sitt mija tmienja u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,688.48) dovuti minnu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni fit-3 ta' Mejju 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001**